MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 789/2006

**Citadel Insurance plc. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Limited u l-istess John's Garage Limited**
**Vs**
**Dr.Louis Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li ppremettiet li fis-16 ta' Dicembru, 2003, waqt li l-vettura BBM 057 kienet ipparkjata f'St.Joseph High Road, Hamrun, bicca mill-gallarija tal-fond 21, St.Joseph High Rd, Hamrun, waqqghet fuq din il-vettura u ghamlet hsara fl-ammont ta' mitejn u tnejn u hamsin Lira Maltin u seba u disghin centezmu (Lm252.97);

Illi s-socjeta' attrici kellha thallas dawn id-danni in forza ta' polza ta' assikurazzjoni "comprehensive."

Illi minkejja li l-konvenut gie msejjah ghall-hlas baqa' inadempjenti – possessur tal-fond;

Is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal jordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u hamsin Lira Maltin u seba u disghin centezmu (Lm252.97) lis-socjeta' attrici u l-ammont ta'hamsa u sebghin Lira Maltin Lm75 lis-socjeta' assikurata John's Garage Ltd;

Ra  r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Illi,minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ma jahtix ghad-danni allegati ghaliex kien il-perit Godfrey Vella Baldacchino, li permezz ta' katnazz, impedixxa lill-eccipjent mill jidhol fil-fond in kwistjoni u jsakkar il-purtell li minnhabba r-rih qawwi kien infetah wahdu;

Ra x-xhieda ta' Dr.Simon Micallef Stafrace li kkonferma li hu kien mar jivverifika flimkien ma' Dr.Louis Vella in-notifika tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju, 2004. Irrizulta li Dr.Vella kien gie notifikat fit-28 ta' Lulju, 2004, izda l-pin card setghet tinqara' bhala Lulju, jew Settembru u cioe' 7 jew 9. Ighid ukoll li kienu sabu din l-ittra ufficjali fil-perjodu tal-21 ta' Lulju, u kien hemm timbru fuq wara li kienet taqra 28 ta' Lulju;

Jikkonferma li kienu bdew il-proceduri fil-bidu ta' Settembru, peress li kienu qraw il-pink card f'dan is-sens u kien ghalhekk li kkalkulaw li ma kienux skorrew is-sentejn;

Fl-ahhar ix-xhud jispjega li damu ma hadu passi peress li l-konvenut huwa kollega;

Ra x-xhieda tal-konvenut li fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jispjega illi kien hemm incident li sehh fis-16 ta' Dicembru, 2003. Ighid ukoll li l-preskrizzjoni giet interotta permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju, 2004 u jikkonferma li kien irceviha fit-28 ta' Lulju, 2004;

Jikkonferma li kien mar ma' Dr.Simon Micallef Stafrace sabiex jivverifika d-data tan-notifika u gie kkonfermat li kien gie notifikat fit-28 ta' Lulju, 2004 u l-kawza gietipprezentata fl-4 ta' Settembru, 2006 u ghalhekk per konsegwenza s-sentejn kienu skorrew;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

L-eccezzjoni preliminari tirrigwarda l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 li jikkontempla preskrizzjoni ta' sentejn ghall-azzjoni ta' hsarat sofferti mhux minhabba reat. Jidher li l-partijiet jaqblu illi l-Artikolu in kwistjoni huwa applikabbli f'dan il-kaz, stante li s-socjeta' attrici qed titlob hlas tad-danni kkagunati fuq vettura assikurata maghhom. Li ghandu jistabilixxi t-Tribunal huwa jekk l-azzjoni hija wahda preskritta jew le;

Gie kkonfermat li t-terminu ta' sentejn gie interrott minhabba li l-konvenut rcieva ittra ufficjali. Il-punt in kontestazzjoni huwa li l-konvenut jsostni li hu gie notifikat fit-28 ta' Lulju, 2004, meta l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-21 ta' Lulju, 2004. Fil-fatt, il-konvenut esebixxa kopja ta' din l-istess ittra;

Is-socjeta' attrici , minn naha l-ohra tinsisti li ma kienitx cara l-posizzjoni ghaliex il-pink card kienet tinqara kemm bhala li n-notifika sehhet f'Lulju jew Settembru, 2004. Jikkonferma ukoll li l-kawza infethet f'Settembru, 2006;

Wara li ezamina n-nota bl-ittra ufficjali, li pprezenta l-konvenut, flimkien mal-"pink card," it-Tribunal jinnota li effettivament hu kien gie notifikat fit-28 ta' Lulju, 2004, minkejja li s-sena bil-kemm tinqara, izda il-probabilita' hija li kienet fis-sena 2004, madwar gimgha wara li giet ipprezentata l-ittra. Il-partijiet ukoll qablu fuq is-sena u ghalhekk l-interpretazzjoni li ghandha tinghata hija li n-notifika tal-konvenut sehhet fit-28 ta' Lulju, 2004;

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi konkreti minn naha tas-socjeta' attrici, t-Tribunal ihoss li l-konvenut irnexxielu

jipprova soddisfacentement li l-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjes ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------